**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 ta' Novembru 2022**

Rikors Numru: 394/22 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 987/2000)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-Knisja ta' Sant' Agata, r-Rabat, Malta, nhar is-sbatax ta' Gunju tas sena elfejn (17/06/2000) (Ara certifikat taz-zwieg anness bhala Dok 'A');

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

3. Illi l-partijiet ilhom legalment isseparati sa mill-erbgha u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn wiehed u għoxrin (24/11/2021) permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli (Ara kopja legali tal-kuntratt ta' separazzjoni annessa u mmarkata bhala Dok 'B').

4. Illi madanakollu għal kull buon fini jinghad illi l-partijiet kienu ilhom jgħixu separatament sa
5. minn Jannar tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) qabel iffinalizzaw is-separazzjoni legali taghhom;

6. Illi ai termini tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet iddekadew mid-dritt illi jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin (Ara Dok 'B', klawsola numru tlieta (3)) u ghaldaqstant m'hemmx arretrati jew manteniment dovuti f'dan ir-rigward;

7. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom iktar minn hames (5) xhur legalment separati u iktar minn hekk separati de facto, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond 1-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi r-rikorrent qieghed jikkonferma l-fatti kontenuti f'dan ir-rikors permezz ta' affidavit, li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok 'C'. Jigi kjarifikat illi galadarba tali affidavit gie gguramentat l-Ingilterra u għalhekk seta jigi gguramentat biss bil-lingwa Ingliza, qed tigi prezentata wkoll mieghu kopja tradotta tieghu bil-lingwa Maltija;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fiż-żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Settembru 2022;

Semghet lill-intimata twiegeb fuq domanda tal-Qorti li m'ghandhiex oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Novembru 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.